MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 934/2000/1

**Alexander Brincat**

**vs**

**Moira Farrugia, gja' Brincat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Awissu 1995, fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Qormi (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A");

Illi l-kontendenti sseparaw legalment bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottoressa Rachel Mallia datat l-10 ta' Gunju 1999;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-konvenuta ma kellhiex id-diskrezzjoni mehtiega taz-zwieg ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew *stante* li kien hemm anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Awissu 1995, fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Qormi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-29 ta' Novembru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi hija taqbel mat-talba tal-attur li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Awissu 1995 ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero' ghal htijiet u ragunijiet imputabbli lill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 12 fejn gie premess:-

Illi fit-12 ta’ Awissu 1995 il-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal-Qormi;

Illi dan iz-zwieg hu null *stante* li l-attur ma kellux id-diskrezzjoni mehtiega ghall-hajja matrimonjali jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali taghha u peress li dan iz-zwieg huwa null *stante* li l-kunsens tal-attur nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu;

Illi l-istess konvenuta talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta datata 26 ta’ Jannar 2001 a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponent jaqbel illi z-zwieg kkuntrattat fit-12 ta’ Awissu 1995 ghandu jigi ddikjarat null u bla effett u dan minhabba ragunijiet mputabbli lill-konvenuta.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta’ April 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta’ Elizabeth Brincat u Josephine Debono Brincat bin-notifika lill-kontro-parti.

Rat in-nota tal-konvenuta Moira Farrugia datata 27 ta’ Lulju 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha, ta’ Assunta Farrugia u ta’ Doreen Farrugia bin-notifika lill-kontro-parti.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Settembru 2001; tat-2 ta’ Novembru 2001; tal-20 ta’ Novembru 2001; tal-4 ta’ Dicembru 2001; tat-8 ta’ Jannar 2002; tad-19 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-17 ta’ April 2002; tat-2 ta’ Mejju 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono halfet ir-rapport; tas-27 ta’ Gunju 2002 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Dicembru 2002; u tat-12 ta’ Dicembru 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta’ Marzu 2003.

Rat is-seduti mizmuma u r-relazzjoni tal-Perit Legali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed permezz ta' affidavit tieghu mmarkat u esebit bhala Dok. “AA”. Huwa pproduca wkoll bhala xhieda tieghu lil ommu Elizabeth Brincat li xehdet permezz ta’ affidavit taghha markat u esebit bhala Dok. “B”, kif ukoll lil ohtu Josephine Debono Brincat, li xehdet

permezz ta' affidavit taghha markat u esibit bhala Dok. "C". Il-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit taghha stess mmarkat u esebit bhala Dok. "AAA". Hija pproduciet ukoll is-segwenti xhieda li lkoll xehdu permezz ta' affidavit taghhom:- omm il-konvenuta Assunta Farrugia (Dok. "BB"), u oht il-konvenuta Doreen Farrugia (Dok. "CC").

Illi meta xehed in kontro-ezami waqt seduta li saret, l-**attur** xehed hekk kif gej:-

*"Jiena w l-mara qabel iz-zwieg qatt ma ddiskutejna jew tkellimna dwar tfal. Wara z-zwieg ghadda hafna zmien qabel ma semmejna t-tfal. F'dan is-sens, xi sentejn wara li zzewwigna jiena kkonfrontajt l-argument billi l-mara ghidtilha illi ma konniex mexjin sew flimkien u kien jehtieg li hi tieqaf tahdem u nahsbu ghat-tfal. Qabel dan il-mument il-kwistjoni tat-tfal qatt ma ssemmiet.*

*Wara din l-okkazjoni minflok ma marru ahjar l-affarijiet bejnietna, marru ghar minhabba li l-mara baqghet tahdem hinijiet twal u bdejna ma niltaqghu xejn. Fil-fatt tfal ma kellniex. Nghid illi jiena w l-mara konna nghixu hajja ghal rasna. Jiena gieli hassejt li kont qed nghix wahdi. Din is-sitwazzjoni ezistiet kwazi mill-bidu nett taz-zwieg*.

*Meta jiena ssuggerejt lill-mara f'dik l-okkazjoni li semmejt, li nahsbu ghat-tfal, gara dak li gara, u cjoe' izjed bdejna nibirdu minn xulxin*.

*Diskussjonijiet fit-tul rigward iz-zwieg u l-pjanijiet li kellna ghall-futur, qatt ma kellna. Kellna hafna hbieb gharajjes u ghandi nghid illi x'hin dawn bdew jizzewgu u jippjanaw ghat-tieg dan hajjarna biex naghmlu hekk, allavolja konna diga' mexjin f'din id-direzzjoni".*

Illi meta xehed in ri-ezami, l-attur xehed testwalment hekk:-

*"Meta jiena semmejt il-kwistjoni tat-tfal f'dik l-okkazjoni, l-ewwel kliem li qaltli l-mara kien "jiena d-dar ma noqghodx". Meta tlabtha sabiex tieqaf tahdem, ir-rejazzjoni taghha kien li sabiex taghmel hekk jiena kelli*

*nieqaf immur il-'gym'. Ma nafx ghaliex talbitni hekk ghaliex dan kien l-uniku zvog tieghi biex ma noqghodx id-dar wahdi. Il-mara semmiet ukoll li kellna d-dejn, izda jiena nghid illi dejn ma kellniex. Minn dakinhar jiena w l-mara qatt m'ergajna semmejna t-tfal".*

Illi meta xehdet in kontro ezami, **il-konvenuta** qalet testwalment hekk:-

*"B'referenza ghall-affidavit tieghi fejn semmejt illi l-attur kien jaqbel li ma jkollniex tfal ghax b'hekk nibqghu liberi u naghmlu li rridu, ghandni nghid illi l-attur kien jaqbel ma' din l-idea u fil-fatt kien hemm okkazjonijiet meta anke smajtu jghid dan lil terzi persuni, bhal ohti Doreen u l-gharus taghha. Dan il-kliem l-attur kien jghidu wara z-zwieg. Jiena u r-ragel ghamilna erba' (4) snin mizzewgin. Dan id-diskors kien isir pjuttost fil-bidu*.

*Qabel iz-zwieg qatt ma semmejna tfal, u konna mohhna biex inlestu l-post sabiex immorru nghixu fih*.

*Meta darba konna vera wasalna fit-tmiem taz-zwieg taghna u konna dejjem niggieldu, ir-ragel kien semma li jkollna t-tfal sabiex nippruvaw insalvaw xi haga miz-zwieg u nbiddlu r-rutina. Jiena pero' ma qbiltx ma' dan, u cjoe' li ngibu t-tfal fid-dinja jekk ma kellniex relazzjoni bejnietna, u kwazi qatt ma konna niltaqghu, u jekk, skond jiena, kellna d-dejn. Dan il-kliem kollu ghidtulu lir-ragel*.

*Jiena qatt ma semmejt li xtaqt it-tfal, u dana peress illi kont nemmen illi qabel ma nkunu ssettiljati u qabel ma jkollna l-ebda djun, u jiena nkun f'pozizzjoni li m'ghandiex bzonn nahdem ma ridtx tfal biex tispicca trabbihomli ommi*.

*Dejn kien hemm fuq il-garaxx, u dan id-dejn kien ma ommi, izda fuq id-dar ma kellniex dejn. Kellna wkoll id-dejn ta' zewg karozzi li kont inhallas jiena bil-paga kollha tieghi. Il-karozza tar-ragel kont xtrajtha jiena bhala rigal tal-'birthday' u dana wara z-zwieg. Din il-karozza ma kenitx kapricc ghaliex kellna bzonnha. Wara din xtrajt karozza ghalija*.

*Jiena m'inix it-tip ta' persuna li nhobb noqghod hafna d-dar ghaliex niddejjaq. Fil-fatt qatt ma kelli ntenzjoni li nitlaq mix-xoghol u l-izjed li kont naghmel forsi kien li nnaqqas mix-xoghol. Nista' nghid illi l-kwistjoni ta' tfal u l-fatt li jiena qatt ma kelli ntenzjoni nieqaf mix-xoghol kienu problema wahda u ntrinsika ghalija*.

*Ma kenitx tkun xi haga sabiha ghalija li kieku kelli nieqaf mix-xoghol sabiex ikolli t-tfal. Jiena minn dejjem kont nahdem u minn dejjem kont inhobb nohrog ghax-xoghol anki qabel iz-zwieg. Qabel iz-zwieg qatt ma ghaddieli minn mohhi kif kont ser naghmel li kieku kelli t-tfal".*

Illi meta xehdet in ri-ezami, il-konvenuta xehdet testwalment hekk:-

*"F'din l-okkazjoni unika meta r-ragel staqsieni biex nieqaf mix-xoghol halli jkollna t-tfal huwa ma kienx offra xi soluzzjoni ta' kif seta' jghin hu".*

**(ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qed jitlob li z-zwieg li gie ccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif previst fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u, billi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien simulat u, billi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg, kif previst fl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi min-naha taghha l-konvenuta permezz tal-kontro-talba taghha qed titlob li z-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett taht l-istess zewg dispozizzjonijiet tal-ligi, u

cjoe', l-**Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, pero' dan ghal ragunijiet imputabbli biss lill-attur.

Illi l-**Artikoli 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

***19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

Illi din il-Qorti bhal Perit Legali sejra tghaddi sabiex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatment, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitmen*' li jikkomporta z-zwieg, u cjoe' *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda

li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin *ad eskluzjoni* ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus ….. richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.'* (**Forum 1990. Vol. I**, part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illli l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili jvarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, din il-Qorti diversament presjeduta studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghal dak li

jghid il-***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva …… La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. ….. Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futur".* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale** – ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe' dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistghax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe'

dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta’ hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-dmirijiet essenzjali taghha, din il-Qorti ser tghaddi, sabiex bhal perit legali, taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura.

Illi fix-xhieda moghtija minnu permezz ta’ l-affidavit tieghu (Dok. “AA”), l-attur jispjega li hu u l-konvenuta kienu damu gharajjes xi hames (5) snin qabel ma zzewgu. Waqt din l-gherusija huma kellhom hafna hbieb koppji u kienu johorgu maghhom ta’ spiss. Huwa jispjega wkoll illi kienu gew influwenzati hafna minn dawn il-hbieb meta dawn bdew jitgharrsu jew jizzewgu, u dan fis-sens li l-kontendenti wkoll bdew jaghmlu l-passi sabiex jizzewgu hekk kif kienu qeghdin jaghmlu hbiebhom.

Illi milli jidher il-partijiet kienu gew sottmessi ghal dak li jissejjah *peer pressure* meta hafna mill-hbieb taghhom bdew jitgharrsu jew jaghmlu l-pjanijiet sabiex jizzewgu, u l-kontendenti forsi mxew ftit mal-kurrent, haga li tigri ta’ spiss fost iz-zghazagh, u dak li bl-Ingliz jissejjah *to go with the flow*. Fi kliemu stess, l-attur jghid *“meta ahna rrejalizzajna illi kulhadd kien qieghed jippjana ghall-hajja futura mizzewga jiena w l-konvenuta hassejna illi ghandna naghmlu bhalhom”.* Skond l-attur pero’, l-partijiet ftit li xejn kienu jippjanaw il-hajja mizzewga taghhom.

Illi x-xhieda li ta l-attur huwa jilmenta mill-fatt illi l-konvenuta kienet tahdem sieghat ferm esagerati wara z-zwieg, u cjoe’ bejn id-9.00 a.m. sa xi nofs il-lejl. Minhabba f’hekk l-attur kien isib ruhu wahdu l-maggoranza tal-hin li kien iqatta’ d-dar. Kien ikollu jsajjar u jiffacendja hu minhabba li l-konvenuta kienet dejjem barra tahdem. Skond l-attur huwa ta’ spiss kien issuggerixxa lill-konvenuta sabiex tieqaf tahdem jew inkella tnaqqas is-sieghat, izda hi rrifjutat peress li ma kenitx tissaporti toqghod id-dar. Dan huwa fatt li gie anki kkonfermat mill-konvenuta stess. Minhabba dan il-fatt skond l-attur, il-

partijiet ftit li xejn kienu jaraw lil xulxin, u l-komunikazzjoni bejniethom bdiet tonqos sew.

Illi mat-trapass taz-zmien fiz-zwieg taghhom, l-attur beda jhoss ix-xewqa li jkollhom it-tfal, haga li skond hu gieli ssuggerixxa lill-konvenuta.  Huwa jsostni pero’ li l-konvenuta ma kenitx turi entuzjazmu fuq dan is-suggett, u anzi kienet tbiddel id-diskors kull meta kien jibda.  Minflok ma naqqset il-hinijiet tax-xoghol taghha, dawn zdiedu, u l-effett ta' dan skond l-attur, kien illi r-relazzjoni taghhom bdiet tisfaxxa.  Il-partijiet anqas u anqas bdew jaraw lil xulxin, u anki l-hajja sesswali ta’ bejniethom giet affettwata minhabba dan.

Illi l-attur jiddeskrivi kif izjed ma beda jghaddi z-zmien izjed ma beda jhoss ruhu wahdu u kien qed iqatta’ hafna zmien jara t-*television* jew jiehu hsieb id-dar, sakemm fl-ahhar beda jmur il-*gym* sabiex iqatta ftit hin hemm bhala *hobby*.  Hu jghid illi l-*gym* kien imur waqt li l-mara tieghu kienet tkun ix-xoghol, u dan sabiex ma joqghodx wahdu d-dar.

Illi l-ahhar meta l-attur ma felahx izjed iqatta’ izjed zmien wahdu, u meta proprju hass li qed jghix wahdu minhabba li l-konvenuta ma kenitx tissaporti toqghod id-dar, huwa kien ghamel suggeriment sabiex jipprova jirranga l-affarijiet ta’ bejniethom.  Dan is-suggeriment kien fis-sens li l-mara kellha tieqaf tahdem, izda hija rrifjutat taghmel dan ghaliex ma kenitx bi hsiebha toqoghod id-dar.  L-attur kien anke rega’ wera x-xewqa tieghu li l-partijiet ikollhom it-tfal.  Fil-kliem tieghu stess, l-attur xehed hekk:-

*“Darba minnhom hassejtni mdejjaq minhabba bil-hajja li konna qeghdin nghixu u cjoe’, minflok inqatta’ l-hin ma’ marti kont qed nispicca nghix wahdi minhabba li l-konvenuta ma’ kenitx tissaporti d-dar u kont ghidtilha illi jehtieg illi naraw x’naghmlu biex l-affarijiet ta’ bejnietna jitrangaw.  Kont issuggerejtilha illi tieqaf mix-xoghol pero’ hija rrifjutat minhabba l-fatt illi kienet tiddejjaq id-dar. Semmejtilha wkoll il-kwistjoni tat-tfal u ergajt ghal darba ohra wrejtha x-xewqa tieghi illi nibnu familja bit-tfal.  Ghal darba ohra l-kovenuta qaltli illi ma riditx tfal fiz-zwieg u*

*jiena ghalhekk irrejalizzajt illi ma stajtx nibqa' sejjer kif kont".*

Illi omm l-attur **Elizabeth Brincat** fl-affidavit taghha tispjega illi meta ltaqghet mal-konvenuta, l-ewwel impressjoni taghha kienet wahda pozittiva. Izda kif beda jghaddi z-zmien, hi bdiet tinduna li l-konvenuta kienet kemxejn bniedma difficli. Dan fis-sens illi kienet tohloq xi ftit ta' tensjoni meta kienet tkun ghand il-familja tal-attur, per ezempju waqt l-ikla ta' nhar ta' Hadd fejn kienet tkun mistiedna l-familja kollha. Il-konvenuta skond omm l-attur, ma kenitx tkompli mal-membri l-ohra tal-familja, specjalment man-nisa tat-tfal taghha, u kienet bniedma tal-punt wisq. Tant hu hekk illi omm l-attur spiccat biex minflok tlaqqa' l-familja kollha flimkien kull nhar ta' Hadd, bdiet tistedinhom alternattivament sabiex tevita li jkun hemm xi nkwiet bejn it-tfal u dana minhabba l-karattru tal-konvenuta. Omm l-attur semmiet ukoll fl-affidavit taghha okkazjonijiet fejn il-konvenuta wriet li kienet it-tip ta' persuna li ma kenitx tahsibha darbtejn biex taqla l-inkwiet fil-familja. Fl-istess hin pero', skond omm l-attur, il-konvenuta kienet tmur tajjeb hafna mal-familja taghha stess, u cjoe' ma' ommha w ohta, u kienet turi hafn' izjed rispett lejhom milli mal-familja ta' l-attur.

Illi apparti dan, omm l-attur kienet tinduna li l-konvenuta kienet pjuttost dominanti fil-konfront tal-attur, waqt li hu ma kien jghidilha xejn u lanqas ma kien jissuppervja maghha minhabba f'dan. Skond ommu, l-attur kien pacenzjuz mal-konvenuta u kien jaghmel minn kollox sabiex ma jaqlax inkwiet. Fi kliemha stess, omm l-attur xehdet hekk:-

*"Niftakar ukoll illi wara ftit zmien taz-zwieg, kull meta jitkellem Alexander Brincat, Moira kienet tahtfu u kienet tghajru 'antipatiku u tindahalx'…. Kull meta kienu jkunu d-dar tieghi, qatt ma kont naraha ferhana, dejjem tgorr u twaqqghu ghac-cajt quddiemna. Kull meta Alexander kien johrog b'xi ideja ghad-dar, hija dejjem kienet taqbez u tghidlu illi ma taqbilx mieghu".*

Illi skond ix-xhud, f’erba’ (4) snin ta’ zwieg tal-kontendenti, hija marret id-dar taghhom xi erba’ (4) darbiet biss, *stante* li l-konvenuta kienet tahdem u kienet titlobhom icemplu qabel ma jmorru, u rrendiet is-sitwazzjoni pjuttost skomda. Ghalhekk omm l-attur minflok kienet iccempel l-attur fil-ghaxija sabiex tkellmu, u xehdet li l-konvenuta qatt ma kienet tkun hemm dak il-hin, u meta kienet tistaqsi l-attur x’kien ikun qed jaghmel dak il-hin, hu kien jghidilha li jew kien qieghed isajjar jew jaghmel xi facendi fid-dar.

Illi rigward il-kwistjoni tat-tfal, omm l-attur tiddeskrivi okkazjoni fl-affidavit taghha, meta hija kienet wriet lill-konvenuta x-xewqa taghha sabiex issir nanna, u cjoe’ sabiex il-kontendenti jkollhom it-tfal. Skond ix-xhud pero’, l-konvenuta hatfitha u qaltilha:-

*“m’ghandekx cans li nghamlek nanna ….. issa tghamlek bintek nanna”.*

Illi x-xhud qalet li kienet dipjacuta b’dan il-kumment izda ma rrispondietx, u minflok il-konvenuta baqghet sabiex qaltilha li kienet xebghet trabbi t-tfal, u milli jidher kienet qed tirreferi ghal meta kienet rabbiet lil huha. Dan rega’ gie kkonfermat lix-xhud minn omm il-konvenuta meta l-partijiet kienu sseparaw u din ta’ l-ahhar kienet spjegat lill-omm l-attur li r-raguni ghal din is-separazzjoni kienet il-fatt li l-attur ma riedx li l-konvenuta tkompli tahdem u anke l-kwsitjoni tat-tfal.

Illi oht l-attur **Josephine Debono Brincat** permezz ta’ l-affidavit taghha xehdet li skond hi l-konvenuta kienet pjuttost ghajjura u possessiva fuq l-attur, u li kienet dominanti u tikkmandah, waqt li l-attur kien pacenzjuz u kien jaghmel minn kollox sabiex jikkuntentaha u ma jaqlax inkwiet. Skond hi minn meta beda johrog mal-konvenuta, l-attur biddel l-atteggjament fil-konfront tal-familja tieghu fis-sens illi ma kompliex jiftah qalbu maghhom, u r-raguni kienet ghaliex il-konvenuta kienet possessiva u kienet tridu ghaliha biss. Allavolja wara z-zwieg l-attur ma qal xejn dwar xi problemi li hu u martu kien qed ikollhom, kien jidher agitat u nervuz hafna, u l-familjari tieghu ndunaw b’dan.

Illi din ix-xhud issemmi ukoll il-kwistjoni tar-rejazzjoni li kellha l-konvenuta meta omm l-attur semmiet it-tfal, u xehdet testwalment hekk:-

*"Mill-bidu taz-zwieg, ommi gieli staqsiet lil Moira, fil-prezenza ta' Alexander, meta kienet ser taghmilha nanna. Jiena kont inkun prezenti hafna drabi u kont nisma' lil Moira tghidilha 'issa tghamlek bintek.' Hija kienet qed tkun tirreferi ghalija. Ommi kienet tehodha bi kbira li tkun qaltilha hekk pero' ma kienet tghidilha xejn. Alexander kien jibqa' kwiet biex ma' jaqlax inkwiet"*.

Illi *inoltre* din ix-xhud ikkonfermat ukoll fl-affidavit taghha, li waqt l-ikla ta' nhar ta' Hadd li kienet issir ghand omm l-attur, il-konvenuta ma kenitx tkompli mal-membri tal-familja ta' l-attur, anke waqt ic-cajt. Skond hi, l-konvenuta kienet tmur tajjeb hafna mal-membri tal-familja taghha, izda ma kenitx turi rispett lill-membri tal-familja tal-attur, specjalment lil ommu. Imbaghad f'erba' (4) snin ta' zwieg, hi xehdet, li marret id-dar tal-partijiet biss xi hames (5) darbiet, u dan ghaliex il-konvenuta kienet titlobhom icemplu qabel u kienet ikkrejat sitwzzjoni ftit skomda. Apparti dan kollu, ix-xhud ikkonfermat ukoll fl-affidavit taghha illi kull darba li kienet iccempel lil huha, dan kien ikun wahdu, u fi kliemha qalet hekk:-

*"Alexander kien jghidilna illi Moira kienet iddum hafna sieghat tahdem. Infatti meta gieli kont incempillu Alexander kien jghidli illi hija kienet tkun ix-xoghol filwaqt illi huwa kien joqghod jahsel, inaddaf, isajjar u jiehu hsieb id-dar. Jiena kont narah qisu mara tad-dar u 'single' fl-istess hin ghaliex dejjem kien ikun wahdu"*.

Illi min-naha taghha, **il-konvenuta** fl-affidavit taghha xehdet testwalment hekk:-

*"Jiena ltqajt mal-attur meta kelli sbatax-il sena u hu kellu hames snin iktar minni. Izzewwigna litteralment ghax kellna l-post lest jew minn ta' lanqas, li stajna nidhlu fih. Shabna kollha kienu qed jizzewgu u anha ghamilna bhalhom. Illum nirrejalizza li konna t-tnejn immaturi u ma*

*hsibnihiex sew qabel ma hadna dan il-pass tant importanti. Fil-fatt, wara biss tliet snin sfaxxa kollox ghax ma l-ewwel intopp naqra serju ma konniex maturi bizzejjed biex insolvu l-problemi*.

*Ahna dejjem qbilna li mhux ser ikollna tfal. Lit-tnejn kienet toghgob l-idea li bla tfal nibqghu aktar liberi u nghixu hajja fejn stajna naghmlu li rridu. It-tfal kienu jkunu ta' wisq xkiel. B'hekk din l-imhabba kbira u xewqa kbira li jkollu t-tfal li qed jirrakkonta l-attur hi sorpriza kbira ghalija. Lili zgur qatt ma qalli b'din ix-xewqa kbira. Tant konna mohhna fina nfusna biss li lanqas sa kelb ridna nrabbu, ahseb u ara tfal.*

*It-tnejn konna nahdmu hinijiet twal sabiex nimlew u nispiccaw id-dar. Tant konna mohhna f'dawn l-affarijiet li bil-kemm konna niltaqghu u mohhna ukoll biex inzommu kuntatt ma hbiebna u l-indipendenza taghna tant li jien apparti x-xoghol kelli nteressi ohrajn u l-attur mohhu fil-gym.*

*Dejn kellna u kif, u jien ridt nahdem l-ewwelnett ghax ma kellix ghazla u ukoll ghax ma ridtx nibqa' d-dar. L-unika darba li l-attur semma li kelli nieqaf mix-xoghol kien meta gergirtlu darba fuq il-'gym' u hu qalli (izda biex jisfidani) mela ieqaf mix-xoghol u nkunu iktar flimkien.*

*Mhux minnu li l-attur kien isemmi t-tfal. Kien jimpurtah aktar minni. Kif ghidt, mohhu fil-'gym' u fil-hrug ma' shabu tal-'gym' u dak l-ewwel u qabel kollox ….. Illum nifhem izda li l-fatt kien kwistjoni ta' minn minnha kien ser icedi l-ewwel u jirrejalizza li z-zwieg taghna kien farsa mill-ewwel gurnata".*

Illi **omm il-konvenuta** kif ukoll ohtha xehdu permezz ta' affidavits taghhom fil-qosor hafna. Ommha xehdet testwalment hekk:-

*"Jien ma tantx kont sorpriza meta sfaxxa z-zwieg ta' binti Moira. Jien kont narhom t-tnejn immaturi u ma jafux li fiz-zwieg trid tibni hajja flimkien mhux it-tnejn mohhom fix-xoghol biss u kif kienet tghidli t-tifla, l-attur mohhu fil-'gym'.*

*Gieli semmejtilhom fuq tfal, specjalment wara li kienu ilhom xi sena mizzewgin izda kienu jghiduli 'kif ahna qeghdin sew, m'ghandniex xkiel.' … Kienu t-tnejn immaturi wisq".*

Illi oht il-konvenuta, **Doreen Farrugia** xehdet testwalment hekk:-

*"…. konna niltaqghu jien u l-gharus tieghi u ohti u r-ragel taghha. Li naf li l-attur kien gieli jghid fuq it-tfal, meta konna nsemmu jien u l-gharus li rridu t-tfal, li kienu sew kif kienu, bla xkiel u bla responsabbilta' u johorgu kif iridu u ohti taqbel mieghu"*.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta illi z-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed xejn felici. Waqt li kienu gharajjes, allavolja ma jidhirx illi kien hemm xi problemi partikolarment serji fir-relazzjoni taghhom, jidher car pero' li fl-ebda mument ma kkunsidraw ezattament is-sinifikat taz-zwieg, u d-drittijiet u doverijiet li jgib mieghu. Johrog bl-izjed mod car mill-provi illi l-partijiet fl-ebda hin u mument ma ppreparaw ruhhom ghaz-zwieg b'dik il-maturita' li kien jehtieg minnhom sabiex jifhmu ezatt ghal x'iex kienu ser jikkommettu ruhhom, u cjoe' l-impenn li jgib mieghu z-zwieg. Lanqas ma ghamlu li valutazzjoni serja dwar xi jfisser iz-zwieg.

Illi t-tnejn li huma xehdu espressament illi kellhom hbieb li jew kienu qedin jizzewgu jew kienu qeghdin jippreparaw ghaz-zwieg, u huma sempliciment imxew mall-kurrent u ghamlu bhalhom! Dan juri bla dubju illi ma kienux hadu dak il-pass konxju li kien jehtieg u ma kienux ippreparaw ruhhom ghall-hajja mizzewga w lanqas ma kkunsidraw il-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. *Se mai* jidher li minflok zwieg dan kien izjed pjuttost tip ta' *business partnership,* fejn il-prijoritajiet kienu l-flus, u b'hekk ix-xoghol taghhom sabiex ikunu jistghu jaqilghu l-flus u jlestu d-dar, u dan jidher iktar accentwat min-naha tal-konvenuta.

Illi l-perit legali kompliet tghid hekk fuq l-konvenuta:-

*"Illi l-atteggjament tal-konvenuta fiz-zwieg pero' kien wiehed ghal kollox inaccettabbli. Fuq ammissjoni cara taghha u mill-provi kollha li ngabru, jidher li l-konvenuta kellha avverzjoni li toqoghod id-dar u tqatta' l-hin id-dar. Kienet mohhha fix-xoghol u li tqatta' granet shah barra tahdem. Allavolja ghall-ewwel tat bhala raguni ghal dan il-fatt illi x-xoghol ma kienx kapricc imma kien hemm bzonn li tahdem daqshekk minhabba d-dejn li kellhom il-partijiet, wara xorta ammettiet li ma kenitx it-tip li toqghod id-dar, u li fi ftit kliem ix-xoghol kien zvog ghaliha. Anki meta l-attur gibdilha l-attenzjoni ghall-fatt li l-affarijiet bejniethom kienu sejrin hazin, u talabha tnaqqas ftit mis-sieghat tax-xoghol, din minflok ziedet is-sieghat, sabiex spiccat biex kienet tahdem kemm fost il-gurnata u kemm bil-lejl.*

*Illi l-esponenti bir-rispett tikkunsidra dan l-atteggjament tal-konvenuta bhala wiehed ezagerat u kemm xejn egoistiku fis-sens illi ma giex ippruvat illi kien hemm xi bzonn partikolari ghal dawk is-sieghat twal ta' xoghol u milli jidher id-dejn li semmiet 'en passant' ma kien xejn ta' barra minn hawn. Il-partijiet kellhom zewg pagi u ma kellhomx tfal u aliavolja kienu qeghdin ilestu d-dar u kellhom xi djun fuq zewg karozzi, dana skond l-esponenti ma jirrikjedix hinijiet ta' xoghol esagerati bhal dawk li kienet tahdem il-konvenuta. Zgur illi ma kienx jirrikjedi sieghat ta' xoghol li jfissru li fl-ewwel snin teneri taz-zwieg wiehed jispicca biex lanqas jara l-mahbub tieghu. Ma hemmx dubju li l-attur kien iqatta' hafn' izjed zmien id-dar, u dan kien iqattghu wahdu jew jara t-'television' jew jiehu hsieb id-dar. Il-konvenuta mbaghad bhala 'a feeble attempt' sabiex tiddefendi ruhha, titfa' parti mill-htija fuq l-attur, meta tghid illi dan kien iqatta hafna zmien il-'gym'.*

*Illi l-esponenti izjed tara bhala verosimili l-fatt li l-attur spicca biex iqatta' hafna sieghat il-'gym' minhabba li xeba' d-dar wahdu. Jidher mbaghad li f'xi zmien dahal element ta' pika bejn il-partijiet meta bdew jaghmlu kundizzjonijiet fuq xulxin sabiex wiehed inaqqas mis-sieghat tax-xoghol u l-iehor inaqqas mill-sieghat fil-'gym'.*

*Illi skond l-esponenti l-konvenuta ma ghamlet l-ebda sforz sabiex f'xi perjodu tnaqqas il-hinijiet tax-xoghol jew*

*tipprova tirranga s-sitwazzjoni sabiex issalva dak li kien qieghed jigri fiz-zwieg taghha. Johrog car mix-xhieda taghha li qabel ma zzewwget hija minn dejjem kellha l-intenzjoni li ma jinbidel xejn fil-hajja taghha wara z-zwieg. Dana ghalhekk jipprova li anki f'dan is-sens il-konvenuta fl-ebda hin ma qaghdet tqis il-vera tfissira taz-zwieg u d-drittijiet u dmirijiet li dan igib mieghu".*

Illi pero' din il-Qorti zzied tghid li din in-nuqqas ta' maturita' kienet mhux biss fuq il-konvenuta pero' wkoll fuq l-attur, *stante* li jirrizulta li huwa qatt ma pprova jbiddel dan l-atteggjament tal-konvenuta, hlief meta kien tard wisq u l-partijiet kienu gja' nqatghu sew minn xulxin, billi in verita' ghixu hajja wahdehom u ghar-rashom, l-attur mehdi fl-affarijiet tieghu u l-konvenuta mixhuta fuq l-affarijiet taghha. Inutili li parti twahhal fl-ohra ghaliex il-partijiet kienu komdi ghal xulxin, u jekk tard f'din ir-relazzjoni l-attur pprova ibiddel b'tentattiv fjakk xi haga, *ormai 'the die was cast'* u kellu kontra tieghu l-fatt li huwa mexxa fuq il-passi identici tal-konvenuta, u kien ghix ukoll ghal rasu.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-perit legali li ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi rigward **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** citat mill-attur fic-citazzjoni minnu pprezentata u wkoll mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha, dan l-artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna",** (P.A. 31 ta' Jannar 1996), u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"**, (P.A. 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg*

*(simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"**, (Qorti tal-Kummerc, - 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912):-

*"A poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, Il-Qorti fil-kaz **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizjoni ohra Taghha **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. – 22 ta' Gunju, 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament

tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort' ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi mbaghad fil-kaz **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu, 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata"*. Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. – 14 ta' Awissu 995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:-

*"ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe' ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (P.A. 14 ta' Lulju1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech"** (P.A. – 9 ta' Ottubru 1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991).

Illi in vista ta' dawn l-provi l-perit legali kkonkludiet hekk, u din il-Qorti tghid mill-ewwel li hija tikkondividi l-istess konkluzjonijiet u taghmilhom taghha. Illi fil-fatt l-istess perit legali qalet li:-

*"wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, l-esponenti hija tal-fehma li gie ppruvat li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe', l-element essenzjali tad-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied.*

*Illi huwa minnu li l-partijiet qatt ma ddiskutew il-kwistjoni tat-tfal qabel iz-zwieg u cjoe', meta kienu ghadhom gharajjes. Pero', wara li zzewgu, jidher li l-attur beda juri*

*xi hsieb li l-partijiet jibnu familja u anke wera x-xewqa tieghu lill-konvenuta. Mill-provi migbura jidher li r-rejazzjoni tal-konvenuta kienet dejjem wahda pjuttost negattiva f'dan ir-rigward. Imbaghad l-esponenti thoss illi ma jistax jigi njorat dak li xehdet il-konvenuta stess meta sarilha l-kontro- ezami, meta fi kliem taghha stess hija qalet hekk:-*

*"Jiena m'inix it-tip ta' persuna li nhobb noqghod hafna d-dar ghaliex niddejjaq. Fil-fatt qatt ma kelli ntenzjoni li nitlaq mix-xoghol u l-izjed li kont naghmel forsi kien li nnaqqas mix-xoghol. Nista' nghid illi l-kwistjoni ta' tfal u l-fatt li jiena qatt ma kelli ntenzjoni nieqaf mix-xoghol kienu problema wahda u ntrinsika ghalija*. *Ma kenitx tkun xi haga sabiha ghalija li kieku kelli nieqaf mix-xoghol sabiex ikolli t-tfal. Jiena minn dejjem kont nahdem u minn dejjem kont inhobb nohrog ghax-xoghol anki qabel iz-zwieg. Qabel iz-zwieg qatt ma ghaddieli minn mohhi kif kont ser naghmel li kieku kelli t-tfal.*

*Illi minn dan jidher illi l-konvenuta qatt ma kellha ntenzjoni li jkollha t-tfal, u li kieku kellha t-tfal dawn kienu jikkostitwixxu problema serja ghaliha. Izjed minn hekk pero', din id-decizjoni da parti taghha tidher li ttiehdet anke qabel iz-zwieg".*

Il-Qorti thoss li kontrarjament ghal dak li sostniet il-perit legali il-verzjoni tal-konvenuta li xehdet li z-zewg partijiet kienu kuntenti kif kienu minghajr tfal, hija iktar verosimili fl-ambitu kollha tal-provi prodotti, u dan fil-kuntest tal-azzjonijiet odjerni jfisser li z-zewg partijiet eskludew il-prokreazzjoni tal-ulied, ghaliex kemm l-attur u kemm il-konvenut dahlu ghal dan iz-zwieg bl-intenzjoni li ma jkollhomx ulied, u l-fatt li wara z-zwieg f'cirkostanza unika l-atturipprova jbiddel fehemtu, ma tbiddilx ic-cirkostanza li fil-mument krucjali taz-zwieg stess it-tnejn li huma eskludew il-possibbilta' li jkollhom tfal mill-istess unjoni.

Illi ghalhekk dan ifisser kemm il-kunsens tal-konvenuta u kemm dak tal-attur kienu vizzjati f'dan is-sens, u dan apparti li bil-mod kif l-istess partijiet rispettivi ddecidew li jqattghu l-hajja taghhom flimkien, u cjoe' li kull wiehed

minnhom jghix kwazi ghal rasu, ghax-xoghol u kwazi ndipendentement minn xulxin hlief ghar-ragunijiet finanzjarji, juru li diversi elementi essenzjali taz-zwieg gew eleminati *a priori* mill-kunsens taghhom inkluz li mill-istess zwieg ma jkunx hemm wild.

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u cjoe:-

*"minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda posittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi* ***"David Mangion vs Maria Sciberras"*** *(P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999);* ***"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"*** *(P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999);* ***"E vs F"*** *(P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994);* ***"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"*** *(P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986);* ***"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"*** *(P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u* ***"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"*** *(P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-****artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255*** *ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur".*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Sharon Bezzina vs Richard Bezzina"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u **"Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003), **"Angolina sive Julie Abdel Dawah vs Dr. Martin Fenech *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003) u l-Qorti thoss li apparti dak premess, dak hemm citat u l-principji enuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi ghalhekk it-talba tal-attur u dik tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu milqugha, u z-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fil-12 ta’ Awissu 1995 ghandu jigi dikjarat null a bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.** Ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ghac-citazzjoni attrici u l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta nkwantu l-istess huma nkompattibli ma’ dak fuq deciz, **tilqa’ t-talba tal-attur fic-citazzjoni attrici u t-talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta’ Awissu 1995, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal-Qormi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici u tal-kontro-talba tal-konvenuta jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**